# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# MAGISTRAT

# DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

# SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 19 TA' LULJU 2002

**Avviz Nru 264/02 - DM**

**United Acceptances Finance Ltd**

**vs**

**Charlotte Ciantar**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet l-kundanna tal-konvenuta ghal hlas tas-somma ta' tlett elef disa' mija u disghin lira Maltin (lm3,990) import ta' kambjali minnha iffirmati u accettati kopji ta' liema kambjali gew annessi u mmarkati minn Dok 1 sa 21 liema kambjali skadew u baqghu ma thallsux nonostante li giet interpellata sabiex thallas.

Bl-imghaxijiet mid-data ta' kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittra ufficjali u tal-mandati kawtelatorji li

qed jigu pprezentati kontestwalment ma din il-kawza kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-llum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll il-kambjali originali pprezentati llum stess issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u ghalhekk qieghdha tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma mitluba ta' tlett telef disa mija u disghin lira Maltin (Lm3,990) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mill-iskadenza ta' kull kambjala sal pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta

Magt Dr D. Montebello BA LLD

S. Farrugia
Dep RegCiv 45